32005R1812

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1812/2005

ta' l-4 ta' Novembru 2005

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 490/2004, 1288/2004, 521/2005 u 833/2005 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti adittivi fl-għalf għall-bhejjem li jagħmlu parti mill-gruppi ta' enżimi u ta' mikro organiżmi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf għall-bhejjem [1], u partikolarment l-Artikoli 3 u 9d(1) u 9e(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-adittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' adittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolamnet (KE) Nru 1831/2003 jistipola miżuri transizzjonali għall-applikazzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni ta' adittivi ta' l-għalf li tressqu skond id-Direttiva 70/524 qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-adittivi elenkati fl-Annessi ma' dan ir-Regolament ġew sottomessi qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu mill-Istati Membri dwar dawn l-applikazzjonijiet li nħarġu skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE ġew imressqa lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Applikazzjonijiet bħal dawn għalhekk ser jibqgħu jitqiesu skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

(5) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro organiżmu Nru 5 tas-*Saccharomyces cerevisiae* (CBS 493.94) ġie awtorizzat fiż-żwiemel proviżorjament għal 4 snin mir-Regolamenttal-Kummissjoni (KE) Nru 490/2004 [3]. Data ġdida tressqet bħala appoġġ taż-żieda fil-kontenut minimu fl-Unitajiet li jifformaw il-Kolonji ta' din il-preparazzjoni fil-kolonna "formula kimika, deskrizzjoni" mingħajr tibdil tal-kontenut massimu, minimu jew irrikkmandat fl-għalf għall-bhejjem komplut skond il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni. L-assessjar juri li l-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni ġew milħuqa. Għalhekk l-użu, kif speċifikat fl-Anness I, ta' dik il-preparazzjoni ta' mikro organiżmi għandu jiġi awtorizzat sa l-20 ta' Marzu 2008.

(6) L-użu tal-preparazzjoni tal-mikro organiżmi Nru E 1704 tas-*Saccharomyces cerevisiae* (CBS 493.94) ġie awtorizzat fl-għoġiela u fil-bhejjem ta' l-ifrat tat-tismin mingħajr limitu taż-żmien mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2004 [4]. Data ġdida tressqet bħala appoġġ taż-żieda fil-kontenut minimu fl-Unitajiet li jifformaw il-Kolonji ta' din il-preparazzjoni fil-kolonna "formula kimika, deskrizzjoni" mingħajr tibdil tal-kontenut massimu, minimu jew irrikkmandat fl-għalf għall-bhejjem komplut skond il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni. L-assessjar juri li l-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni ġew milħuqa. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' mikro organiżmi, kif speċifikat fl-Anness II, għandu jiġi awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(7) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi Nru E 1623 ta' l-endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2106), l-endo-1,4-beta- xylanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105) u s-subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) kien awtorizzat proviżorjament fit-tiġieġ għat-tismin mingħajr limitu taż-żmien mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 521/2005 [5]. Data ġdida tressqet bħala appoġġ tal-bidla ta' l-attività minima ta' l-enżimi f' din il-preparazzjoni kif inhu deskritt fil-kolonna "formula kimika, deskrizzjoni" mingħajr tibdil tal-kontenut massimu, minimu jew irrikkmandat fl-għalf għall-bhejjem komplut skond il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni. L-assessjar juri li l-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni ġew milħuqa. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi kif speċifikat fl-Anness III għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1800/2004 (ĠU L 317, tas-16.10.2004, p. 37).

[2] ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 29. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Reglament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, tal-5.3.2005, p. 8).

[3] ĠU L 79, tas-17.3.2004, p. 23.

[4] ĠU L 243, tal-15.7.2004, p. 10.

[5] ĠU L 84, tat-2.4.2005, p. 3.

(8) L-użu tal-preparazzjoni ta' enżimi Nru E 1627 ta' l-endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2106) u l-l-endo-1,4-beta- xylanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105) kien awtorizzat fil-majjali għat-tismin mingħajr limitu taż-żmien mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 833/2005 [1]. Data ġdida tressqet bħala appoġġ tal-bidla tal-formulazzjoni ta' dinil-preparazzjoni kif inhu deskritt fil-kolonna "formula kimika, deskrizzjoni" mingħajr tibdil tal-kontenut massimu, minimu jew irrikkmandat fl-għalf għall-bhejjem komplut skond il-kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni. L-assessjar juri li l-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni ġew milħuqa. Għalhekk, l-użu ta' dik il-preparazzjoni ta' enżimi kif speċifikat fl-Anness IV għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien.

(9) Regolamenti (KE) Nri 490/2004, 1288/2004, 521/2005 u 833/2005 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 490/2004 huwa mibdul bl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1288/2004 jiġi emendat skond l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 521/2005 huwa mibdul bl-Anness III ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 833/2005 jiġi emendat skond l-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-4 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Member of the Commission

[1] ĠU L 138, ta' l-1.6.2005, p. 5.

ANNESS I

Nru. (jew Nru KE.)	Adittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew il-kategorija ta' l-annimal	Eta massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Skadenza tal-perijodu ta' l-awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf tal-bhejjem shih			
Micro-organisms								
5	*Saccharomyces cerevisiae* CBS 493.94	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fiha ammont minimu ta' 1×10^9 CFU/g ta' adittiv.	Żwiemel	—	4×10^9	$2{,}5 \times 10^{10}$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-adittiv u ta' kif isir it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, skadenza ta' żmien ta' ħażna u l-istabbiltà fl-ambitu ta' formazzjoni ta' qmuħ. Il-kwantità ta' *Saccharomyces cerevisiae* fir-razzjon ta' kuljum ma tridx taqbeż il-4.17×10^{10} CFU kull 100 kg ta' piż tal-ġisem. Użu permess għal xahrejn wara li jieqfu jieħdu mill-ħalib ta' l-omm.	20.03.2008

ANNESS II

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1288/2004, il-kontenut dwar l-E 1704 huwa mibdul b' li ġej:

Nru. (jew Nru KE.)	Adittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew il-kategorija ta' l-annimal	Eta massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Skadenza tal-perijodu ta' l-awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf tal-bhejjem shih			
Mikro-organiżmi								
"E 1704	*Saccharomyces cerevisiae* CBS 493.94	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fiha ammont minimu ta' 1×10^9 CFU/g ta' adittiv	Għoġiela	6 xhur	2×10^8	2×10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-adittiv u ta' kif isir it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, skadenza ta' żmien ta' ħażna u l-istabbiltà fl-ambitu ta' formazzjoni ta' qmuħ.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Bhejjem ta' l-ifrat għat-tismin	—	$1{,}7 \times 10^8$	$1{,}7 \times 10^8$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-adittiv u ta' kif isir it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, skadenza ta' żmien ta' ħażna u l-istabbiltà fl-ambitu ta' formazzjoni ta' qmuħ. Il-kwantità ta' *Saccharomyces cerevisiae* fir-razzjon ta' kuljum ma tridx taqbeż is-$7{,}5 \times 10^8$ CFU kull 100 kg ta' piż tal-ġisem. Żid 1×10^8 CFU għal kull 100 kg ta' piż tal-ġisem miżjud.	Mingħajr limitu ta' żmien"

ANNESS III

Nru KE	Adittiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew il-kategorija ta' l-annimal	Eta massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Skadenza tal-perijodu ta' l-awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta' attività/kg ta' oġġetti ta' l-għalf shah			
Enżimi								
E 1623	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8 Subtilisin EC 3.4.21.62	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase prodott mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2106), endo-1,4-beta-xylanase prodotti mit-*Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105), u subtilisin prodott mill-*Bacillus subtilis* (ATCC 2107) li għandhom attivitajiet minimi ta': Endo-1,3(4)-beta-glucanase: 200 U (1)/g Endo-1,4-beta-xylanase: 5 000 U (2)/g Subtilisin: 1 600 U (3)/g	Tiġieġ għat-tismin	—	endo-1,3(4)-beta-glucanase: 25 U endo-1,4-beta-xylanase: 625 U subtilisin: 200 U	— — —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-adittiv u ta' kif isir it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, skadenza ta' żmien ta' ħażna u l-istabbiltà fl-ambitu ta' formazzjoni ta' qmuħ. 2. Doża irrakkomandata għal kull kilogramm ta' oġġett ta' l-għalf shiħ: endo-1,3(4)-beta-glucanase: 25-100 U endo-1,4-beta-xylanase: 625-2 500 U subtilisin: 200-800 U 3. Għall-użu fl-għalf mħallat e.ż. li fih more than 30 % qamħ u 10 % xgħir.	Mingħajr limitu ta' żmien

(1) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn *barley beta-glucan* fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 30 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan mill-ħafur fil-minuta f' pH ta' 5.3 u 50 °C.
(3) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera mikro gram wieħed ta' kompost fenoliku (ekwivalenti tat-tyrosine) minn sustrat tal-każejina fil-minuta f' pH ta' 7.5 u 40 °C.

ANNESS IV

Fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 833/2005, il-kontenut dwar l-E 1627 huwa mibdul b' li ġej:

"E 1627	Endo-1,3(4)-beta-glucanase EC 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xylanase EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' endo-1,3(4)-beta-glucanase li tinġieb mit- *Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2106) u endo-1,4-beta-xylanase li tinġieb mit- *Trichoderma longibrachiatum* (ATCC 2105) li ħandhom attivita minima ta': Forma ta' trab: Endo-1,3(4)-beta-glucanase:800 U (1)/g Endo-1,4-beta-xylanase:800 U (2)/g Forma ta' likwidu: endo-1,3(4)-beta-glucanase: 800 U/ml endo-1,4-beta-xylanase: 800 U/ml	Ħnieżer għat-tismin	—	endo-1,3(4)-beta-glucanase:400 U endo-1,4-beta-xylanase:400 U	— —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-adittiv u ta' kif isir it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, skadenza ta' żmien ta' ħażna u l-istabbiltà fl-ambitu ta' formazzjoni ta' qmuħ. 2. Doża irrakkomandata għal kull kilogramm ta' oġġett ta' l-għalf sħiħ: endo-1,3(4)-beta-glucanase: 400 U endo-1,4-beta-xylanase: 400 U. 3. Għall-użu fl-għalf kompost li fih ħafna polysaccharides li mhumiex assoċjati mal-lamtu (l-iktar beta-glucans u arabinoxylans) e.ż. li fihom iktar minn 65 % ta' xgħir.	Mingħajr limitu ta' żmien

(1) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' glukożju) minn *barley beta-glucan* fil-minuta f' pH ta' 5.0 u 30 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 1 mikromole ta' *reducing sugars* (ekwivalent ta' ksilożju) minn xylan mill-ħafur fil-minuta f' pH ta' 5.3 u 50 °C."